

Dispożittiv

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Lulju 2019, hija manifestament inammissibbli.

(¹) ĠU C 432, 23.12.2019.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tad-29 ta' April 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Arbitral Tributářio (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) – il-Portugall) – Ramada Storax SA vs Autoridade Tributária e Aduaneira

(Kawża C-756/19) (¹)

("Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikoli 90 u 273 – Valur taxxabbli – Tnaqqis – Nuqqas ta' ħlas – Insolvenza tad-debitur iddomiċiljat barra mill-pajjiż – Deċiżjoni mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor li tiċċertifika n-natura irrekuperabbi tad-djun mitluba – Prinċipji ta' newtralità fiskali u ta' proporzjonaliità")

(2020/C 287/35)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Arbitral Tributářio (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Ramada Storax SA

Konvenuta: Autoridade Tributária e Aduaneira

Dispożittiv

L-Artikoli 90 u 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li abbażi tagħha d-dritt ta' tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa u relatata ma' djun ikkunsidrati bħala irrekuperabbi fi tmiem proċedura ta' falliment huwa miċħud lill-persuna taxxabbli meta n-natura irrekuperabbi tad-djun ikkonċernati għet ikkonstatata minn qorti ta' Stat Membru ieħor fuq il-bażi tad-dritt fis-sejjh f'dan l-Istat tal-aħħar.

(¹) ĠU C 19, 20.1.2020.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-10 ta' Marzu 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Judicial da Comarca dos Acores – il-Portugall) – QE, RD vs SATA Internacional – Serviços de Transportes Aéreos SA

(Kawża C-766/19) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Inammissibbiltà manifesta – Trasport bl-ajru – Regolament (KE) Nru 261/2004 – Artikolu 5(3) – Kumpens lill-passiġġieri fil-każ ta' rifjut ta' imbark u ta' kanċellazzjoni jew ta' dewmien twil ta' titjira – Portata – Eżenzjoni mill-obbligu ta' kumpens – Kunċett ta' “ċirkustanzi straordinarji” – Ħsara mxerrda tas-sistema ta' riforniment ta' karburant ta' ajrupport)

(2020/C 287/36)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Judicial da Comarca dos Acores